Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

## MINUTI TAT-TNAX-IL LAQGHA TAL-KUNSILL

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 19 ta' Dicembru 2012 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.15pm |

**Il-laqgha bdiet fil-hin:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Vici-Sindku** | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| **Kunsilliera** | Sur | RAYMOND AZZOPARDI |
| | Sur | REMIGIO BARTOLO |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | GERALD BORG |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dott. | HERBERT MESSINA FERRANTE (Skuzat) |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

Il-laqgha tal-Kunsill bdiet b'talba ghall-bzonnijiet ta' Dr Herbert Messina Ferrante li kien jerga' jinsab rikoverat l-isptar. Ghan-nom tal-Kunsill, is-Sur Stefan Cordina wera l-apprezzament ghall-onorefficjenza li rcieva Dr Messina Ferrante permezz ta' l-ghoti ta' Gieh ir-Repubblika.

**1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI.**
Approvati.

**2. KORRISPONDENZA**

🗁 Rapport dwar accessibilita ta' Gnien Misrah Kola. Mir-rapport jidher li dan il-permess ha jehel minhabba li m'ghaddiex u ghandu jigi ikkuntattjat il-Perit Dieter Falzon. Is-Sur Cordina qal li dan il-permess kien jinkludi bdil fil-latrini tal-irgiel sabiex tinholoq kamra ghall-Air Monitoring Unit li jinsab fl-istess gnien u li skond il-Malta Standards Authority, dan ghandu jitnehha. Ghaldaqstant is-Sur Cordina qal li jekk il-permess ma johrogx, dan il-unit ghandu jitnehha immedjatament.

🗁 Email minghand is-Sinjura Josianne Azzopardi rigward applikazzjoni tal-MEPA sabiex jinbena cimiterju u krematorju fl-ODZ area bejn ir-Rabat u H'Attard. Il-Kunsill kien primarjament kontra it-titolu li jinghata lil dan il-permess fejn jinghad li qed isir b'kollaborazzjoni mal-Kunsilli Lokali ta' H'Attard u B'Kara. Is-Sur Marco Spiteri qal li jispera li qatt ma saret xi No Objection qabel. Filwaqt li s-Sur Alfred Zammit esprima l-oggezzjoni ghal krematorju, is-Sur Azzopardi u s-Sur Ralph Cassar oggezzjonaw ghalih kompletament. Is-Sur Stefan Cordina qal li ha jaghmel kuntatt mal-Perit u jara min jista' jattendi ghall-laqgha tal-konsultazzjoni filwaqt li jiehu l-parir tal-perit dwar id-diskussjonijiet u l-konsultazzjoni sabiex ikun jista' jinforma il bord tal-MEPA.

🗁 Kwotazzjoni ghall-bdil ta' saqaf tal-latrini fi Gnien il-Palma li prezentement inbeda xoghol ta' manutenzjoni u refurbishment fuqhom. Minhabba li l-ammont tal-kwotazzjoni €7599.79 hu ftit eccessiv, il-Kunsill ghandu jfittex kwotazzjonijiet u soluzzjonijiet ulterjuri.

3. **APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-KWART TAS-SENA LULJU/SETTEMBRU**

Dan ir-rapport gie approvat u kien juri sa 30 ta' Settembru, bilanci pozittivi li bl-ebda mod ma jistghu ifissru li dan ser ikun l-eghluq tas-sena finanzjarja. Infatt, is-Sur Spiteri qal li f'dan l-istadju u din il-gurnata, ma jirriflettix is-sitwazzjoni finanzjarja sal-gurnata tal-lum. Pero, kompla hu, hija xi haga pozittiva li l-kwarti tas-sena inzammu bil-bilanci pozittivi.

4. **APPROVAZZJONI TA' PAGAMENT SETT/OTT/NOV/DIC**

Il-pagamenti gew approvati wara li s-Sur Alfred Zammit staqsa fuq x'kienet l-ispiza relatata mat-tqeghid tan-Neon Tubes fil-kamra tal-kompjuters fi Gnien Hal Warda. Is-Sur Stefan Cordina spjega li minn mindu bdew il-korsijiet tat-Taljan, Franciz u Germaniz, kien hemm ilmenti mill-partecipanti li kien hemm nuqqas ta' dawl kbir. Ghalhekk il-Kunsill installa hames neon tubes godda li issa kienu ghas-sodisfazzjon ta' min qed jattendi il-korsijiet.

5. **APPROVAZZJONI TA' PERFORMANCE BONUS**

Is-Segretarju Ezekuttiv gie mitlub sabiex ihalli ftit il-kamra sabiex jigi diskuss il-bonus taghha u tal-impjegati tal-Kunsill. Wara ftit minuti hi giet imsejha lura u s-Sur Marco Spiteri qal li il-Performance Bonus gie approvat a bazi li gie nnutat li tjiebet l-efficjenza fix-xoghol u anki l-mod kif jitmexxa l-ufficcju u gie deciz li jinghata il-full skond ir-rezoluzzjoni pero xtaq jigbed l-attenzjoni ghan-nom ta' kulhadd li kien hemm xi kumment/i dwar il-hinijiet tal-impjegati tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li sa fejn taf hi, kulhadd jaghmel xogholu tajjeb u hinu pero irrimarket ukoll li bhalissa, fil-pozizzjoni li qieghda, ta' tmien xhur tqala, mhux dejjem possibbli ghaliha li dejjem tidhol daqshekk kmieni filghodu. Pero konxja li tista' tpattih wara nofsinhar sakemm tippermetti s-sahha. Is-Sur Alfred Zammit staqsa dwar il-hinijiet tal-istaff u dawn inghaddew lilu. Is-Sur Remigio Bartolo qal li jekk ikun hemm bzonn, il-Kunsill hu favur li l-istaff jattendi training sija ghal Customer Care u affarijiet ohra, sabiex jitjieb iktar il-livell ta' dan il-Kunsill.

6. **UFFICINI TAL-KUNSILL UPDATE**

Is-Sur Stefan Cordina ta' rendikont dwar it-trattati bejn il-Kunsill u sid il-binja li kienet tal-HSBC fi Triq il-Mosta. Hu qal li s-sid kien qed jitlob €770,000 u li issa nizel ghal xi €750,000. Is-Sur Gerry Borg qal li dak ma jiswiex iktar minn €200,000 u gibed l-attenzjoni tal-Kunsill ghal dak il-Maisonette li l-pjanti tieghu kienu gew murija f'Jannar ta' sena ilu, li kien fih mitejn metru kwadru u li kien jiswa finished €210,000. Is-Sur Ralph Cassar qal li z-zewg postijiet huma centrali u accessibbli bil-mixi, filwaqt lis-Sur Remigio Bartolo qal li l-Kunsill irid jiddeciedi jekk irriduhx jew le. Is-Sur Spiteri qal li mhux worth it ghal Kunsill jintefqu dawk il-flejjes kollha ghaliex ir-repayment jitla' mill-loan innifisha ta' €750,000 ghal 1.2 million u dan ifisser li l-Kunsill irid ihallas madwar €3,000 fix-xahar. Id-diskussjonijiet ghandhom ikomplu.

7. **BAZAAR 2012 – UPDATE GBIR TA' FLUS**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil Kunsill li l-ammont ta' flus migbura ghal din is-sena ilahhaq l-€430. Ghandu jinhareg cekk tal-istess ammont bhala donazzjoni lil MCCF. Is-Sur Gerry Borg qal li s-sena d-diehla, l-ahjar isiru arrangamenti mac-Centru Parrokkjali sabiex isir hemmhekk.

8. **TENDER – QASAM BINI TAL-GVERN**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-unika tender sottomessa kif ga rrappurtat kienet dik ta' Philip Agius and Sons Ltd. Hi qalet ukoll li s-Sur Mario Agius, intbaghtitlu ittra jekk jaccettax li jsir hlas ta' €75,000 hekk kif jitlesta x-xoghol u l-kumplament jinqasmu fuq sentejn basta jinghata 8% skond il-ligi fuq l-ammont li jibqa pendent. Il-Kunsill accetta. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ha ggib konferma bil miktub mill-Awtorita' tad-djar li l-Kunsill ha jibbenifika minn din l-iskema qabel ma jibda x-xoghol.

**9. PUNTI MQAJJMA**

Is-Sur Alfred Zammit ressaq dawn il-punti:

- Triq Victor Vassallo k/m Triq is-Sienja hemm parapet li fih sigra li hajt tal-istess parapet ser jaqa' ghall-ahhar minhabba fiha. Dan jinsab precizament faccata tad-dar ta' Haber. Ghalhekk ghandha tintbaghatlu ittra f'dan is-sens.
- Fakkar fuq il-Hedges ta' Gnien il-Palma

Is-Sur Raymond Azzopardi ressaq dawn il-punti:

- Kunsiderazzjoni ta' 'Traffic Calming' li jinkludi mizuri ta' edukazzjoni u infurzar rigward il-harsien tar-regolamenti tat-traffiku, li l-intenzjoni tkun li t-toroq ikunu inqas perikoluzi ghar-residenti u l-pedestrians billi wkoll jitnaqqas il-velocita' u l-kongezzjoni tal-vetturi specjalment dawk goffi fit-toroq residenzjali. Ez: jitwahhlu sinjali 'Traffic-calmed Neighbourhood'
- Jitwahhlu 'reflectors' mal-'barriers' tat-traffiku
- F'xi granet mid-direzzjoni tar-Rabat, ghadu jinstema' l-istorbju ta' xi muzika b'volum wisq gholi tard bil-lejl li qieghed idejjaq hafna lir-residenti ta' H'Attard
- Gejt mistoqsi jekk tnaddfux il-gradilji li hemm fi Triq l-Imdina ma' Triq l-Gharix, biex fil-kas, jitnaddfu minhabba li meta taghmel ix-xita jingabar wisq ilma u jkun ta' periklu ghal min ikun ghaddej minn hemm.

Is-Sur John Bonnici ressaq dawn il-punti:

- Ghadda rapport dwar wire tat-telefon imdendel ma' dar ta' familja vicin l-AtoZ electronics. Ghandu jghaddi iktar dettalji l-ufficju sabiex jintbaghat Customer Care.
- Li hemm bzonn zabra Triq l-Imdina kollha minn Jacap sal-isptar Monte Carmeli.
- Talab li jitnaddaf u dan rega' tennieh Wied Irmiedi sew

Is-Sur Gerry Borg ressaq dawn il-punti:

- Irrimarka rigward il-gbir ta' skart domestiku fejn mill-bidu ta' Dicembru ma kellux jingabar iktar kartun fil-granet li jingabar skart domestiku, ikun xi jkun dan, wiehed mit-trakkijiet qed isegwi dan imma l-iehor le. Ippropona li niltaqghu mal-Kuntratturi u nigbdulu l-attenzjoni fuq dan

Is-Sur Ralph Cassar ressaq dawn il-punti:

- Li ghandu talba minn komun zghir Raccugia rigward skambji ta' baned ghal waqt il-festa ta' Santa Marija. Is-Sur Marco Spiteri qal li dan hu exchange kulturali li ghalih ghandu talba wkoll minn Augusta. Is-Sur Bartolo qal li tista' ssir applikazzjoni ghaliha taht xi skema tal-kultura. Is-Sur Cassar ghandu jkompli bit-tahditiet dwar dan il-bdil fil-qasam kulturali.
- Rega talab u fakkar sabiex l-avukat taghna jinghata r-rapport dwar il-barriera ta' Venven.
- Ta rapport dwar l-ammont ta' hwejjeg li ngabru li kienu jlahhqu l-elf kilo tunnellata fil-gurnata li l-Kunsill iddedika ghall gbir ta' materjali riciklabbli.
- Wera l-apprezzament tieghu ghax-xemghat li gew imtellghin hdejn il-BOV.
- Talab li jiltaqa' mal-Kuntrattur tas-sigar nhar is-26 ta' Dicembru peress li hu kien ser ikun bil-leave

Is-Sur Marco Spiteri ressaq dawn il-punti:

- Gibed l-attenzjoni li l-Palm infettat hdejn l-Ivory and Co, tnehha.

Is-Sur Remigio Bartolo ressaq dawn il-punti:

- Li l-progett fuq il-gemellagg ghaddej, saru l-laqghat ma l-iStakeholders u qed jistenna li ma kull min saret il-laqgha, jghaddi rapport lil Kunsill sabiex hu jkun jista' jikkumplimentah mar-rapport li ser jintbaghat mill-Kunsill Lokali.
- Irrimarka fuq il-knis specjalment fi Triq il-Pitkali u qal li hemm bzonn li dan jerga jirranka
- Wera x-xewqa li ssir ikla bejn il-Kunsilliera u l-Istaff bil-partners sabiex jiltaqghu flimkien darba fis-sena. Ghandha tigi iffissata data iktar 'l quddiem.
- Li ser jipprova jirranga hin fuq it-televizjoni sabiex issir id-donazzjoni tal-Istrina.

Is-Sur Stefan Cordina irrimarka biss li hemm bzonn jitnaddaf hdejn il-bring-in site ta' hdejn l-iScotts filwaqt li minn qalbu irringrazzja lil kulhadd ghal sena tajba ta' hidma flimkien u l-festi t-tajba lil kulhadd, filwaqt li awgura li s-sena d-diehla, il-Kunsill jibqa' miexi f'ghaqda hekk kif ilhom ghaddejjin dawn l-ahhar sena w nofs. Hu pprezenta ghan-nom tieghu personali xi haga zghira lil kull membru tal-Kunsill bhala turija ta' apprezzament ghall-kollaborazzjoni ta' bejniethom. Mill-gdid irringrazzja lil kulhadd.

**7. AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa ġiet aġġornata fid-8.15pm għas-16 ta' Jannar fis-6pm.

_________________________ Sindku

_________________________ Data